

32002D1919

29.10.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 293/5

**ID-DEĊIŻJONI NRU 1919/2002/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL  
tal-21 ta' Ottubru 2002**

**li temenda id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/411/KE dwar it-titjib ta' l-istatistika agrikola tal-Komunità**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/411/KE hija maħsuba biex tgħin biex l-istatistika agrikola tal-Komunità <sup>(3)</sup> tilqa' b'mod aħjar għall-ħtiġiet ta' informazzjoni li joħorġu mill-politika agrikola komuni.
- (2) Ir-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 96/411/KE jagħmel stima pożittiva ta' l-applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni.
- (3) Il-proċess ta' addattament tas-sistemi nazzjonali ta' l-istatistika għall-ħtiġiet li joħorġu mill-bidliet fil-politika agrikola komuni għadu ma tlestiex.
- (4) Kemm l-iżvilupp intern tal-politika agrikola komuni kif ukoll il-kuntest estern tat-tkabbir lejn il-lvant, u l-ftuħ tas-serje ġdida ta' negozjati multilaterali dwar il-kummerċ, jitolbu identifikazzjoni aħjar tal-ħtiġiet fl-istatistika u, fejn xieraq, għall-miżuri biex titkompla l-infrastruttura regolatorja kurrenti li tistabbilixxi l-firxa ta' l-informazzjoni dwar l-istatistika tal-politika agrikola komuni li l-Istati Membri huma obbligati li jagħmlu disponibbli għall-Kummissjoni.
- (5) Il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm għall-istatistika tal-Komunità (2003 sa l-2007) <sup>(4)</sup> tirrakkomanda t-tkomplija ta' l-azzjonijiet biex tiġi mtejjba l-istatistika agrikola eżistenti u biex jiġu mfassla żviluppi bil-għan li jilqgħu b'mod sodisfaċenti għall-ħtiġiet tal-politika agrikola komuni.

- (6) L-għodda ntrodotta bid-Deċiżjoni 96/411/KE għenet biex iġġib 'il quddiem il-proċess ta' addattament tas-sistema ta' statistika agrikola tal-Komunità għal bidliet fil-ħtiġiet fl-informazzjoni ta' statistika tal-politika agrikola komuni. Madankollu, dan il-proċess għadu mhux lest. Id-Deċiżjoni 96/411/KE għandha għalhekk tiġi emendata sabiex jiġi estiż dan il-proċess,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 96/411/KE hija hawnhekk emendata kif ġej:

1. fl-Artikolu 3, il-kliem "matul il-perjodu 2000 sa l-2002" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "matul il-perjodu 2003 sa l-2007";
2. fl-Artikolu 6, il-paragrafu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:  
"4. L-istruttura finanzjarja għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm għall-perjodu 2003 sa l-2007 qegħda tiġi stabbilita b'dan il-mezz għal 5 miljun EUR.  
  
L-allokazzjonijiet għal kull sena għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità ta' l-estimi fil-limiti tal-perspettiva finanzjarja."
3. fl-Artikolu 11, il-figura "2002" għandha tiġi sostitwita bil-figura "2007";
4. fl-Artikolu 11, il-frażi "wara li jkun ikkonsulta lill-Kumitat Permanenti dwar l-Istatistika Agrikola" għandha titħassar.

*L-Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

<sup>(1)</sup> ĠU C 126 E, tat-28.5.2002, p. 403.

<sup>(2)</sup> L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Settembru 2002 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ottubru 2002.

<sup>(3)</sup> ĠU L 162, ta' l-1.7.1996, p. 14. Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni Nru 2298/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 263, tat-18.10.2000, p. 1).

<sup>(4)</sup> ĠU C 75 E, tas-26.3.2002, p. 274.

*L-Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula l-Lussemburgu, 21 ta' Ottubru 2002.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

P. COX

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. FISCHER BOEL

---